MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Numru 54/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Mario Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 54 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Mario Abdilla li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-seba (7) ta' Settembru tas sena elfejn u sitta (2006) u matul l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda Mario Abdilla ddecieda li jibda jmexxi u jiitraffika illegalment fid-droga perikoluza MDMA (*ecstasy*) gewwa Malta.

Illi ghal dan il-ghan mahsub minn qabel, Mario Abdilla, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u barra

minn Malta partikolarment maghrufa bhala Alfred Camilleri, Freddie maghruf bil-laqam iz-Zundajru u iehor certu Marcel li jghix gewwa l-Ingilterra, fost ohrajn, u ftehmu fuq il- mezzi sabiex jakkwista, jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw droga illegali, f'dan il-kaz, medicina psikotropika u ristretta MDMA (*ecstasy*) a skapitu tas-socjeta Maltija u dan il-ftehim sar b'intenzjoni sabiex tigi kkonsenjata mill-akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f'Malta bi profitt kbir.

Illi biex isehh dan il-pjan mahsub minn qabel li din id-droga MDMA (*ecstasy*) importata illegalment tigi kkunsinnata gewwa Malta bi skop li tigi itraffikata, fil-gimghat u z-zmien ta' qabel din id-data, Mario Abdilla xjentement assocja ruhu ma persuni ohra barra minn Malta u gewwa Malta u wara li assocja ruhu ftehmu u ikkumbinaw l-mezzi li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem bis-skop li l-istess droga tigi mibjugha fis-suq lokali. Illi l-imsemmija Mario Abdilla ippromwova, ikkostitwixxa, organizza u ffinanzja din l-assocjazzjoni billi kien gie miftiehem li jintbghat f'Malta pakkett b'ammont kbir ta' disat elef sitt mija u tmintax (9,618) pilloli tal-*ecstasy* (MDMA) lil persuna ohra gewwa Malta li kellhom jigu rritirati minnu stess u persuni ohra. Illi l-akkuzat Mario Abdilla wettaq dan il-pjan u in fatti bat Malta permess ta' vjagg ta' l-ajru dan il-pakkett bid-droga MDMA (*ecstasy*) mohbija f'gwarnic li kienet intiza ghall-persuni gewwa Malta li imbaghad kellhom ibieghu u iqassmu din id-droga. Illi l-akkuzat nhar is-6 ta' Settembru 2006 gie Malta tramite vjagg ta' l-ajru TOM 1047 sabiex wara li jasal il-pakkett gewwa Malta, flimkien ma persuni ohra gewwa Malta jigbru dan il-pakkett bid-droga u jittraffikawha kif fil-fatt gara l-ghada fis-7 ta' Settemrbu 2006. Fortunatament dan il-pjan gie mifxul mill-membri tal- Korp tal-Pulizija.

Illi din id-droga MDMA (*ecstasy*) ghandha valur ta 'l fuq minn mija, erbgha u tlettin elf u sitt mija u tnejn u hamsin mitt ewro (€ 134,652) ekwivalenti ghal

sebgha u hamsin elf, seba’ mija u disghin lira Maltin (Lm 57,790).

Id-droga MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Mario Abdilla sar hati talli, b’diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b’rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem hawn fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mario Abdilla, talli, b’diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b’rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina ristretta u perikoluza f’Malta *ecstasy* kontenenti s-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (maghrufa bhala MDMA), kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu Maghha (Kapitolu 31), jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Ewro (€2,330) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf u hames mitt Ewro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A(1)(2) ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li

Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31), ir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 25 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att t'Akkuza, u fiz-zmien qabel is-seba (7) ta' Settembru 2006, l-akkuzat Mario Abdilla ghamel l-arrangamenti kollha mehtiega sabiex issir l-importazzjoni tal-pilloli *ecstasy* (MDMA) bil-manjiera indikata mill-Ingilterra ghal Malta, liema pakkett kontententi l-pilloli *ecstasy* (MDMA) giet impurtata permess tat-titjira bin-numru KM 117, fejn tul il-vjagg il-pakkett kien jikkonsisti mill-pilloli mohbija f'gwarnic li nstabu u li sussegwentement irrizultaw li kienu pilloli tal- *ecstasy* (MDMA). Dan il-vjagg sar bl-gharfien u bil-kunsens tal-akkuzat stess. Illi l-akkuzat ghamel l-arrangamenti flimkien ma persuni ohra sabiex dan il-pakkett bid-droga llegali jasal Malta mohbi f'gwarnic, u l-akkuzat stess gie Malta minn l-Ingilterra nhar is-7 ta' Settembru 2006 sabiex ikun jista jigbor dan il-pakkett ma persuni ohra Malta sabiex id-droga tigi mibjugha bi profitt kbir. In fatti fis-7 ta' Settembru 2006 l-akkuzat flimkien ma persuni ohra akkwista dan il-gwarnic izda fortunatament dan il-pjan gie mifxul mill-membri tal- Korp tal-Pulizija.

Illi din id-droga MDMA (*ecstasy*) ghandha valur ta 'l fuq minn mija, erbgha u tletin elf u sitt mija u tnejn u hamsin mitt ewro (€ 134,652) ekwivalenti ghal sebgha u hamsin elf, seba' mija u disghin lira Maltin (Lm 57,790.00).

Id-droga MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda, Parti A li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi akkuzat Mario Abdilla sar hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis- Suprintendent tas-Sahha Pubblika.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Mario Abdilla talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, offra li jimporta, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u perikoluza *ecstasy* kontenenti s-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (maghrufa bhala MDMA) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas- Sahha Pubblika;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru u multa ta' elfejn tlett mija u tletin Ewro (€2,330) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf u hames mitt Ewro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A(1)(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985), l-Avvizi legali 77 ta' l-1988 u 183 ta' l-1999 u fl-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 25, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-perjodu u cirkostanzi indikati fl-ewwel u t-tieni Kap ta' l-Att t'Akkuza u matul iz- zmien ta' qabel, Mario Abdilla kellu fil-pussess tieghu illegalment ammont kbir (9,618 il-pillola) tad-droga MDMA *(ecstasy)* li juru li dak il- pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu

izda kienet intiza sabiex tigi mibjugha, ttraffikata u fornuta lil terzi persuni din l-istess droga jew partijiet minnha. Illi l-pakkett in kwistjoni kienet indubjament iddestinata għall-akkużat u rtirata minnu u persuna ohra. Di piu l-ammont tad- droga li nstabet kienet waħda konsiderevoli wkoll li ma' tindikax skop ta' użu personali.

Illi din id-droga MDMA (*ecstasy*) ghandha valur ta 'l fuq minn mija, erbgha u tletin elf u sitt mija u tnejn u hamsin mitt Ewro (€ 134,652) ekwivalenti ghal sebgha u hamsin elf, seba' mija u disghin lira Maltin (Lm 57,790).

Id-droga perikoluza MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta u msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini u fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, u l-imsemmi akkuzat Mario Abdilla ma kellu ebda permess jew awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex ikollu fil-pussess tieghu l-imsemmija droga u sustanza.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Mario Abdilla sar hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis- Suprintendent tas-Sahha Pubblika u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Mario Abdilla talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u perikoluza psikotropika *ecstasy* kontenenti s-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (maghrufa bhala MDMA) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika li huma kkontrollati w ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru u multa ta' elfejn tlett mija u tletin Ewro (€2,330) izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf u hames mitt Ewro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjub hati skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A(1)(2) ta' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'jaqsmu Maghha (Kapitolu 31), ir-regolamenti 2, 3(1) u 10(2) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985), l-Avvizi legali 70 u 77 ta' l-1988 u 183 ta' l-1999, u fl-artikoli 17,18, 20, 22, 23, 25, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verbal tal-lum li bih Id-difiża u l-prosekuzjoni ghamlu ftehim bejniethom dwar il-piena li kellha tiġi nflitta f' dan il-każ u cioe li l-akkuzat għandu jkun kundannat għal-ħmistax (15) il-sena priġunerija u ħamsa u għoxrin elf Euro (€ 25,000) Multa; talbu wkoll li dejjem hekk il-Qorti tadherixxi ghandha tinghata sentenza b' dawn it-termini.

Il-Qorti ġiet infurmata wkoll li l-piena ġiet maħduma wara li ġie kkunsidrat il-benefiċju tal-artikolu 29 tal-Kap101 bit-tnaqqis ta' żewg (2) gradi.

Rat illi waqt is-seduta l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Mario Abdilla hati talli :

1. fis-7 ta' Settembru, 2006 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina ristretta u perikoluza f'Malta *ecstasy* kontenenti s-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (maghrufa bhala MDMA), kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha (Kapitolu 31), jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l- Akkuza;

2. fis-7 ta' Settembru, 2006, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, offra li jimporta, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u perikoluza *ecstasy* kontenenti s-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (maghrufa bhala MDMA) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas- Sahha Pubblika, w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

3. fis-7 ta' Settembru, 2006, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u perikoluza psikotropika *ecstasy* kontenenti s-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (maghrufa bhala MDMA) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika li huma kkontrollati w ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-

pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu, w dana skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Ikkunsidrat,

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta’ barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**” [24.2.1997] (Qorti Kriminali); “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali); “**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”** [17.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b’arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz partikolari ghandha taderixxa ghat-talba konguntiva maghmula bil-verbal tal-lum stess u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2(1), 40A, 120A(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A(1)(2) ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolamenti 2, 3(1) u 10(2) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta’ l-1985) l-Avvizi Legali 70, 77 ta’ l-1988 u 183 ta’ l-1999 u l-artikoli 17, 18, 20, 22, 23 25, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-hati**, Mario Abdilla** ghall-piena komplessiva ta’ hmistax **(15) il-sena prigunerija** w multa ta’ hamsa w ghoxrin elf Euro **(€25,000)** kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ elf, disa’ mija w hamsa w tmenin Euro w seba’ w sittin centezmi **(€1985.67),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------